14 ta' Ġunju, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giovanni Anastasi ne. *versus* Kaptan Serafino Xuereb, M.B.E. et.

**Soċjetà Anonima — Board tad-Diretturi — Seduta — Aġenda — "Ordine del Giorno" — Minuti — "Minute Book" — "Quorum" — Amministrazzjoni — Mandat — Danni — Art. 1763, 1741, 1965 u 1978, tal-Kodiċi Ċivili, u art. 127 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Billi l-Liġi Maltija f'materja ta' soċjetajiet kummerċjali għadha ferm monka, il-ġudikant jkollu jirrikorri għall-prinċipji regolaturi ta' pajjiżi oħra, partikolarment għal dawk viġenti fis-sistema ingliż.*

*Fil-każ ta' soċjetà anonima għandha ssir distinzjoni bejn laqgħa ta' l-azzjonisti u laqgħa tal-Board tad-Diretturi; fis-sens illi meta xi tratta ta' laqgħa tas-soċji hemm bżonn, biex tkun valida, partikolarment jekk ikun hemm xi materja speċjali biex tiġi diskussa, li tiġi indikata x-xorta ta' l-aġenda, mentri meta si tratta ta' laqgħa tad-Diretturi, ammenokkè fl-"articles of association" ma jingħadx diversament, ma hemmx bżonn tiġi speċifikata fl-aġenda tas-seduta l-materja li tkun ser tiġi diskussa.*

*Għaldaqstant ma jidhirx li laqgħa tal-Board tad-Diretturi għandha tiġi ritenuta invalida billi l-avviż tas-seduta ma jkunx fih dak li jkun ser jiġi diskuss.*

*Lanqas ma tista' tiġi dikjarata invalida seduta tal-Board tad-Diretturi fuq il-motiv li l-minuti tas-seduta ma jkunux ġew iffirmati, jew għax ma jkunx hemm il-"minute book".*

*Mill-banda l-oħra, id-diretturi huma sempliċi amministraturi tas-soċjetà, u bħala tali, jekk ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, huma*

*jistgħu jagħmlu fl-isem tas-soċjetà atti ta' amministrazzjoni biss. Fost dawn l-atti ma jidħolx dak ta' xoljiment tas-soċjetà, li jikkompeti biss lill-azzjonisti; u għalhekk deċiżjoni tal-Board tad-Diretturi fis-sens li tiġi xjolta s-soċjetà hija invalida.*

*Hija invalida wkoll seduta tal-Board tad-Diretturi jekk xi wieħed minnhom ikun ħa parti fiha per mezz ta' delegat jew mandatarju tiegħu, meta dak id-direttur ma kellux il-fakoltà li jiddelega lil ħadd ieħor minflok u fil-karika ta' direttur; għax fil-waqt li l-azzjonista jista' jiġi rappreżentat minn mandatarju, id-direttur ma jistax jiġi hekk rappreżentat, jekk ma kellux il-fakoltà li jiddelega lil ħadd ieħor minfloku.*

*Jekk fl-att kostitutiv tas-soċjetà ma jingħadx kemm għandu jkun il-"quorum" f'seduta tal-Board tad-Diretturi, il-prinċipju aċċettat fil-liġi ingliża huwa illi l-"quorum" għandu jkun kompost minn dawk li soltu jaġixxu għas-soċjetà. Meta ma hemm ebda pratika preċedenti li tiffissa "impliciter" dan il-"quorum", il-Board tad-Diretturi, biex jaġixxi regolarment, għandu bżonn jaġixxi bid-Diretturi kollha. Diversament id-deċiżjoni tal-Board tkun wkoll invalida.*

*Hija wkoll invalida deċiżjoni tal-Board tad-Diretturi jekk, meta d-diretturi ma jkunux qegħdin jiltaqgħu f'intervalli minnhom preċedentement stabbiliti, il-laqgħa li fiha ttieħdet dik id-deċiżjoni, tkun ġiet avżata mingħajr pre-avviż raġjonevoli u ma kienx hemm dik l-urġenza li tiġġustifika l-laqgħa mingħajr dak il-pre-avviż raġjonevoli. Jekk kienx hemm pre-avviż raġjonevoli jew urġenza kbira huwa rimess għall-ġudizzju tal-Qorti.*

*Fil-każ preżenti l-Qorti ddikjarat illegali deċiżjoni tal-Board tad-Diretturi li kienu ddeliberaw ix-xoljiment tas-soċjetà; u fuq domanda ta' l-attur biex il-Qorti tordna li s-soċjetà għandha tkompli tiġi eżerċitata regolarment, il-Qorti pprovdiet billi ddikjarat li għandu jiġi ristabbilit li "status quo ante", salvo li tittieħed validament deċiżjoni diversa f'assemblea regolarment konvokata ta' l-azzjonisti. Il-Qorti ppronunzjat ukoll deklaratorja ġenerika tad-danni kontra d-diretturi li kienu ħadu dik id-deċiżjoni illegali.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur nomine ppremetta li b'kuntratt publikat minn Nutar Dr. Joseph Spiteri fit-23 ta' April 1950 (dok. A) ġiet stipulata bejn l-attur u l-konvenuti soċjetà anonima għall-manifattura u negozju ta'

kull xorta ta' għamara, u fiha l-attur ġie nominat Direttur Ġenerali (Managing Director); u li mingħajr ebda dritt u mingħajr il-kunsens ta' l-attur il-konvenuti, fl-14 ta' Mejju 1951, għalqu l-fabbrika, u l-għada żmontaw il-ġeneratur elettriku u ilicenzjaw il-ħaddiema, b'mod li l-attività soċjali tinsab kompletament paralizzata, u l-attur ma jistax jeżerċita l-poteri lilu deferiti skond l-att kostitutiv tas-soċjetà; u talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, dina l-Qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa sabiex is-soċjetà tirriprendi l-eżerċizzju tagħha regolari, u dan anki taħt it-tregija ta' l-attur fil-kwalità tiegħu ta' Direttur Ġenerali, taħt il-komminazzjonijiet tal-liġi, kompriżi dawk relattivi għad-disprezz għall-awtorità tal-Qorti; u l-konvenuti jiġu dikjarati responsabili tad-danni kollha konsegwenti għall-għemil arbitrarju u illegali tagħhom. B'riżerva ta' drittijiet oħra u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-kontropotest tas-16 ta' Mejju 1951, kontra l-konvenuti li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fol. 11, li fiha dawn qalu illi (1) preliminarment, jiġi kjamat in kawża l-Arkitett u Inġinier Ċivili Arthur Mortimer, billi huwa Direttur ieħor tas-soċjetà in kwistjoni u ma huwiex imħarrek malkonvenuti l-oħra, u (2) fil-meritu, id-domandi ta' l-attur huma infondati, għaliex kull ma għamlu l-eċċipjenti sar fl-interess ta' l-azjenda, u wara li kienet ittieħdet deċiżjoni f'dan is-sens f'seduta regolari ta' l-istess soċjetà; salva kwalunkwe eċċezzjoni oħra;

L-ewwel eċċezzjoni ġiet irtirata fol. 15;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Fl-attijiet tan-Nutar Joseph Spiteri tat-23 ta' April 1950, ġiet kostitwita bejn il-Kurunell Strickland u l-Kaptan Xuereb bħala Diretturi tas-soċjetà "Construction Limited", u l-attur Giovanni Anastasi, soċjetà anonima taħt l-isem "Malta Industrial Arts Limited". Ġie kostitwit Board of Directors, kompost mit-tliet soċi u minn Commander Bell u l-Perit Mortimer. Il-Managing Director kellu jkun l-attur;

Dan l-aħħar, u preċiżament fl-14 ta' Mejju 1951, saret laqgħa tad-Directors, li fiha kienu preżenti l-Kaptan Xuereb, Commander Bell, il-Perit Mortimer, u Luigi Degiorgio, dan ta' l-aħħar bħala assert rappreżentant tal-Kurunell Strick-

land; u ttieħdet id-deċiżjoni li, skond id-dokument fol. 23 (li jekk ma huwiex "minute", hu ċertament dikjarazzjoni ammissibili bħala prova kontra l-konvenuti skond l-art. 632 (1) Kap. 15), ġiet deskritta bil-kliem "that the Company......... should go into liquidation"; u aktar 'il-quddiem "that the Company should be wound up". Tant illi ġie deċiż illi "Messrs Constructions Limited should withdraw their generator forthwith, including the electrical equipment", u "it was agreed that Capt. S. C. Xuereb and Mr. Bell should proceed to take such action as they deemed necessary to implement the decision"; u "it was agreed that all work-people should be discharged forthwith". Il-konvenut Degiorgio, fol. 19 tergo, qal li d-deċiżjoni kienet li jissospendu l-attivitajiet kollha tas-soċjetà u jillikwidaw. L-attur ġie avżat ftit sigħat qabel mill-konvenut Degiorgio per mezz tat-telephone. Ma ngħadx lilu x'kienet l-aġenda, imma biss li kienu sejrin jittieħdu deċiżjonijiet importanti, almenu skond ma qal il-konvenut Degiorgio. L-attur wieġbu li minħabba li dak il-ħin (it-tlieta ta' wara nofsinhar) kellu appuntament urġenti mat-tabib tiegħu (u fil-fatt hekk kien), hu ma setax jattendi. Il-laqgħa saret l-istess mingħajr l-attur. In eżekuzzjoni tad-deċiżjoni meħuda, il-konvenuti, jew x'uħud minnhom, marru fuq il-post tas-soċjetà, illiċenzjaw il-ħaddiema, għalqu kull ma kien hemm, u ħadu l-passi kollha biex tiġi mwaqqfa l-attivazzjoni tas-soċjetà;

Ikkunsidrat;

Peress li l-kontestazzjoni, kif formulata fid-dibattitu orali, kienet fis-sens li kull ma sar kien sewwa għaliex sar in eżekuzzjoni ta' deċiżjoni, regolament meħuda, tal-Board tad-Diretturi, għalhekk hu intuwitiv, kif kienu d'akkordo l-istess difensuri, illi l-"punctum saliens" ta' dan il-proċess huwa dak jekk id-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa fuq imsemmija tal-14 ta' Mejju 1951, kienetx legali jew le, sija għar-rigward tal-formalitajiet tal-konvokazzjoni tagħha, sija għar-rigward tas-sustanza tad-deċiżjoni fiha nnfisha;

Qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-eżami ta' dan il-pont, hu xieraq li jiġi premess illi, peress li, sfortunatament, il-Liġi Maltija dwar soċjetajiet kummerċjali għadha ferm monka, tabilfors il-ġudikant ikollu jirrikorri għall-prinċipji regolaturi in materja ta' pajjiżi oħra, partikularment, fil-fehma ta' l-

Imħallef sedenti, dawk viġenti fis-sistema Ingliż, billi huwa notorju illi hawn Malta, f'dawn l-aħħar snin, ġew kostitwiti diversi soċjetajiet anonimi modellati fuq prinċipji Ingliżi u bin-nomenklaturi partikulari tal-leġislazzjoni Ingliża, ċjoè tal-Companies Act 1948, Chapter 38. Dan hu aktar u aktar meħtieġ fil-każ preżenti, meta s-soċjetà in parola tinsab regolata biss bil-kuntratt fuq imsemmi, bla ma ġew in segwitu magħmula l-"articles of association", kontemplati fil-klawsola numru ħdax tal-kuntratt, u li, kif inhu elementari, huma parti solita tal-kostituzzjoni tas-soċjetà anonima, in kwantu jkunu intiżi li jagħmlu regolamenti "for the management of the affairs of the Company and the conduct of its business";

Din il-Qorti ma taqbelx ma' l-argument li l-laqgħa kienet invalida għaliex l-attur ma ġiex mgħarraf bix-xorta ta' l-aġenda. Dwar dan il-punt għandha ssir distinzjoni bejn laqgħa "tas-soċji" (General Meeting jew Assemblea Ġenerali) u laqgħa "tal-Board tad-Diretturi" kif kienet din (ara xhieda fol. 17 Kapt. Xuereb). Ma hemmx dubju illi f'każ ta' laqgħa tas-soċji hemm bżonn, partikularment jekk ikun hemm xi materja speċjali biex tiġi diskussa, li tiġi indikata x-xorta ta' l-aġenda. Fis-sistema Ingliż ġie kemm il-darba ritenut (ara Lowe's case (1852) 1 De. G.M. & G. 421; Hampshire Land Co. (1896) 2 Ch. 743; Kay v. Gordon Tramways Co. (1898) Ch. 358 C.A.; Pacific Coast Coal Mines Ltd. v. Arbuthnot (1917) A.C. 607) illi "the notice convening a meeting at which any special business is to be transacted must state the nature thereof, otherwise the meeting will have been irregularly convened and cannot deal with the matter";

Fis-sistema Taljan hi liġi espressa li l-avviż għandu jinkludi, fil-każ ta' konvokazzjoni ta' assemblea ġenerali, l-"ordine del giorno"; u, kif josserva l-Professur Marghieri (in Bolaffio e Vivante, Vol. IV, pag. 413), "tale importanza il legislatore ha dato a questa prescrizione, che commina la nullità di qualsiasi deliberazione la quale sia presa sopra materia non indicata nell'ordine del giorno";

F'dan il-każ, però, il-laqgħa ma kienetx ta' l-azzjonisti, imma tal-Board tad-Diretturi. Issa hu prinċipju tad-Dritt Ingliż illi f'każ ta' laqgħa simili, ammenokkè fl-"articles" ma jingħadx diversament — u f'dan il-każ "articles" ma kienx

hemm — ma hemmx bżonn li jiġi speċifikat x'sejjer jiġi diskuss. Jingħad a propożitu fil-Palmer's Company Law, 19th edition, p. 179:— "The notice need not specify, unless the articles otherwise provide, the nature of the business to be transacted". L-istess jingħad fil-Halsbury's Laws of England, 1949 edition, Vol. V, p. 354, para. 577, illi:— "Directors may at their properly convened meetings transact all business within their powers, though no notice has been given to the members of the Board that any special business is to be transacted". Dan il-prinċipju ġie affermat fil-kawża "La Compagnie de Mayville v. Whitley" (1896) 1, Ch. 788, C.A. Verament, il-Qorti, fil-kors ta' l-istudji tagħha, ġiet a konjizzjoni ta' sentenza "Wills v. Murray" (1850) 4 Exch. 843, li fiha ġiet ukoll eskluża n-neċessità ta' l-indikazzjoni tal-"business" tal-laqgħa, imma għaliex ma kienx il-każ ta' "extraordinary board". Però, minn din is-sentenza (ċitata fl-English and Empire Digest, Vol. IX, taħt "Companies", para. 3387, page 516), ma jistax jiġi argumentat li, jekk il-Board ikun "extraordinary board", allura hemm bżonn l-ispeċifikazzjoni ta' l-agenda, għaliex fil-każ ċitat kien hemm l-"articles" li kienu jeżiġu din l-indikazzjoni f'każ ta' laqgħa straordinarja, u għalhekk il-"lex" kienu l-"articles";

L-Imħallef sedenti, għalhekk, jaħseb illi, in linea ta' massima, u fin-nuqqas ta' normi oħra fil-liġi Maltija, ma jistax il-ġudikant b'sikurezza jwaqqa' laqgħa tad-diretturi minħabba li ma jiġix speċifikat l-"ordine del giorno", għalkemm jidher desiderabili li jiġi provvdut għal daqshekk fl-"articles", almenu għal dawk il-każijiet fejn sejrin jiġu diskussi affarijiet mhux ta' rutina solita, biex jiġu evitati dawk li jissejħu "deliberazioni di sorpresa";

Kwantu għall-minuti li nżammu, li ma ġewx firmati minn ebda Chairman, u kwantu għan-nuqqas tal-"minute-book", lanqas jidhrilha din il-Qorti li tista' tinvalida l-laqgħa tal-14 ta' Mejju 1951. Infatti hu prinċipju illi "the minutes of a meeting are not exclusive evidence of what takes place there; an unrecorded resolution may be proved aliunde" (ara England and Empire Digest fuq ċitat, ibidem 3398). L-istess fil-Halsbury, loc. cit. p. 356, jingħad, fuq l-awtorità tas-sentenza ċitata in kalċe re Pyle Works (no. 2) (1891) 1 Ch. 173,

illi "In the absence of a minute other evidence may be given". *Il-Qorti jidhrilha, però,* illi dik il-laqgħa hija invalida, għal dawn ir-raġunijiet li sejrin jingħadu :—

1. Ma hemmx dubju li din kienet id-deċiżjoni mhux ta' l-azzjonisti, imma tal-Board of Directors: Tant qal il-Kaptan Xuereb fix-xhieda tiegħu fol. 17. Barra minn hekk, *fl-ittra* li *nbgħatet mill-konvenut Degiorgio* (ara xhieda tiegħu fol. 19 tergo) u li qiegħda eżibita fol. 14, il-laqgħa in kwistjoni hi riferita bħala laqgħa tal-"Consiglio di Amministrazione". Ma *hemmx* dubju ugwalment illi d-"Directors" huma sempliċi amministraturi tas-soċjetà ("agents"). Issa, skond l-artikolu 1763 Kodiċi Ċivili, Kap. 23, (applikabili għas-soċjetajiet kummerċjali taħt l-art. 1741 idem u taħt l-art. 127 Kap. 17 Ediz. Riv.), jekk ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, il-jeddijiet, *setgħat u obligi ta' dawn* l-amministraturi huma *regolati* bħal fil-każ ta' mandatarju, u skond l-art. 1965 Kap. 23, fil-mandat jidħlu biss l-attijiet ta' *amministrazzjoni*. Issa, f'dan il-każ ma kienx hemm ftehim xort'oħra, u għalhekk għandu jiġi ritenut li d-directors kellhom biss poteri ta' amministrazzjoni. Lanqas jista' *jiġi estiż* il-mandat tagħhom in forza ta' dik li tissejjaħ "implied authority"; għaliex, kif josserva l-Bowstead "Law of Agency", p. 79 din l-"implied authority" *ta' "general agent"* qatt ma *tista'* tiġi *estiża* "outside the ordinary scope of his employment and duties". Issa, ma jistax jiġi negat illi *d-deċiżjoni li ttieħdet f'*dan il-każ, kif speċifikata fid-dokument fol. 23, u fix-xhieda fuq imsemmija, kienet toltrepassa għal kollox il-limiti ta' sempliċi *amministrazzjoni. Deċiżjoni simili ma kienetx tmiss lid-"directors"*, imma evidentement kienet tmiss lix-"shareholders" f'"general meeting" (ara, għal dik li hi liġi Ingliża, sect. 278 (1) (b) *Companies* Act, 1948). Argument sussidjarju għal din il-konklużjoni, għalkemm appena hemm bżonnu, huwa *illi* l-istess kontraenti, meta *riedu jirregolaw* il-"kontinwazzjoni" tas-soċjetà, fil-klawsola 4 tal-kuntratt issubordinaw id-deċiżjoni dwar dina l-kontinwazzjoni mhux lill-Board of Directors, imma lix-"*shareholders*" f'"general meeting", bil-kliem "unless the contrary is agreed to by the shareholders at a general meeting". Mela hu loġiku li wieħed *jargumenta* li, fil-ħsieb tal-kontraenti f'dak l-att, deċiżjoni simili ma għandhiex tiġi me-

ħuda mill-Board of Directors, imma mix-"shareholders" f'"general meeting". Għalhekk, fil-fehma ta' l-Imħallef sedenti, dik id-deċiżjoni tal-Board of Directors kienet invalida fiha nnfisha, għaliex "ultra vires";

2. Difett ieħor f'dik il-laqgħa kien li l-konvenut Degiorgio, non ostanti l-prokura ġenerali, eżibita, u malgrado l-ampjezza tal-poteri lilu deferiti mill-konvenut Kurunell R. Strickland, ma kellu ebda dritt (għad li hu mexa in bwona fede) li jippartecipa f'dik is-seduta bħala rappreżentant ta' l-istess Kurunell Strickland, nominat direttur fl-att fuq imsemmi. Bħala "shareholder" il-Kurunell Strickland seta' jigi rappreżentat minn Degiorgio, imma mhux bħala direttur. Infatti, f'din il-materja tiġi l-massima "delegatus non potest delegare". Fl-att tas-soċjetà ma hemm ebda fakoltà li ssir delegazzjoni simili, u ma setax kien hemm fl-"articles", għax ma sarux. "The maxim 'delegatus non potest delegare' applies to directors, and they cannot, therefore, prima facie delegate their powers" (ara Palmer's Company Law, p. 181). Igħid a propożitu l-Bowstead (loc. cit., p. 110) :— "The maxim 'delegatus non potest delegare' is founded on the confidential character of the contract of agency............. Thus auctioneers, factors, directors........... have, in general, no implied authority to employ deputies or sub-agents". Il-każ tad-"Directors" ġie hekk kunsidrat fil-kawża "Leeds Banking Co. Howard's Case 1866, L.R. 1, Ch. 561. Hu ċar li d-"directors" huma l-mandatarji ta' l-azzjonisti jew soċji, u bla permess tal-mandant il-mandatarju ma jistax jiddelega l-awtorità tiegħu. Dan hu konformi għal-liġi ġenerali tagħna. Kif ingħad, id-direttur tas-soċjetà huwa ekwiparat għall-mandatarju, u l-mandatarju, b'liġi (art. 1978 Kap. 23), ma jistax, bla setgħa tal-mandant, jissostitwixxi lil ħadd ieħor minfloku. Ma jirriżultax li l-Kurunell Strickland fittex, qabel ma ssostitwixxa minfloku lill-konvenut Degiorgio, l-awtorizzazzjoni tal-mandanti, ċjoè tas-soċji l-oħra, per eżempju ta' l-attur;

3. Difett ieħor f'dik il-laqgħa hu l-perplessità li tirriżulta dwar l-"quorum". Fl-att tas-soċjetà ma jingħad xejn. "Articles of association", li fihom kien aktarx jiġi stabbilit dan il-"quorum", lanqas ma saru. Meta l-"quorum" ma hux speċifikat, allura, skond il-prinċipju aċċettat in materja fil-

Ligi Ingliża, "the number who usually act will constitute a quorum". F'dan il-każ ma hemm xejn fir-riżultanzi proċesswali li minnu wieħed jista' jiddeduċi kemm soltu kienu jaġixxu, għax din kienet l-ewwel laqgħa tal-Board. Għalhekk jibqa' dejjem dubju dwar dan il-pont, molto pjù illi l-attur, li ma kienx preżenti, ma kienx direttur sempliċi, imma l-Managing Director skond il-klawsola 7 (v) tal-kuntratt, u dak li kellu poteri speċjali skond il-klawsola numru 8. It-tenur tal-klawsula numru 7 hu mhux tant ta' kostituzzjoni separata ta' ħames amministraturi "uti singuli", imma ta' kostituzzjoni ta' "Board" b'ħames diretturi, u għalhekk kien neċessarju li jiġi determinat il-"quorum" — liema determinazzjoni setgħet verosimilment tkun fis-sens li tillimita n-numru għal anqas minn ħamsa, imma li wieħed minnhom ikun il-Managing Director, stante l-funzjonijiet tiegħu speċjali. Milli jidher, f'każ simili, fejn is-setgħat ġew mogħtija lid-diretturi "kollettivament bħala Board", u fejn ebda "quorum" ma ġie fissat mill-kuntratt, jew mill-"articles", jew mill-istess Board, u fejn ma hemm ebda prattika preċedenti ta' l-istess Board li tiffissa "impliciter" dan il-"quorum", l-unika konsegwenza hi li, sakemm ma jiġix fissat il-"quorum", il-Board, biex jaġixxi regolarment, hemm bżonn li jaġixxi bid-diretturi kollha. Għandu jiġi notat li l-art. 164 Kap. 17 ma hux applikabili għall-"Board meeting", imma għall-"meeting" tas-soċji;

4. Ġie kemm il-darba deċiż mill-Qrati Ingliżi (ara, fost sentenzi oħra, Homer District Consolidated Gold Mines, ex parte Smith (1888) 39 Ch. D. 546) illi meta d-diretturi ma jkunux qegħdin jiltaqgħu f'intervalli minnhom stabiliti in preċedenza, allura "the notice must be fair and reasonable". Issa, f'dan il-każ l-attur ġiet mogħtija "notice" ta' appena erba' sigħat, u dippjù hu kien impedut milli jattendi minħabba li kellu appuntament imprexindibili ta' viżita għand ittabib, stante l-istat kaġjonevoli ta' saħħtu. Kien kemm kien urġenti l-każ, xejn ma kien jiġri kieku l-laqgħa saret aktar tard dik il-ġurnata, jew l-għada fil-għodu, molto pjù li d-deċiżjoni proġettata kienet sejra taffetta f'miżura kbira lill-attur. Ċertament, jekk in-"notice" huwiex "fair and reasonable" hu pont rimess għall-kriterju diskrezzjonali tal-Qorti fil-każ partikulari li jkollha quddiemha; imma l-kriterju adoperat

f'każi simili minn Imħallfin oħra ma jistax ma jkunx ta' ajjut. Fil-kawża fuq ċitata hemm fattezzi li jixbhu, b'ċerta koinċidenza strana, dan il-każ tal-lum. Il-"meeting" fil-każ ċitat "Homer District Consolidated Gold Mines" sar fis-sagħtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar. Sar "on a few hours' notice" bħal f'dan il-każ. Wieħed mid-diretturi rċieva n-"notice" l-għada. L-ieħor "gave notice that he could not attend till three" (kif l-attur ma setax jattendi dak il-ħin tat-3 p.m. f'dan il-każ). Imbagħad "the fifth director was abroad and no notice was sent to him". U f'dan il-każ wieħed mill-ħames diretturi huwa msiefer, u daqs kieku ma ġietx mibgħuta "notice" lilu, ġa ladarba r-rappreżentanza tiegħu mill-konvenut Degiorgio bħala direttur hija inattendibili, kif fuq ingħad. Il-Qorti Ingliża ddeċidiet li d-deċiżjoni meħuda f'dak il-"meeting" kienet nulla. F'każ ieħor li ġie quddiem il-Qorti Kanadiża "Glace Bay Printing Co. vs. Harrington" (1910) 45 N.S.R. 268), wieħed mill-motivi li induċa lill-Imħallef jiddikjara null dak li sar kien illi l-"meeting" sar "at a time that did not reasonably permit the attendance of a full Board". Din il-Qorti wkoll hi ta' fehma illi dan il-"meeting" tal-14 ta' Mejju 1951, atteża x-xorta tal-materja diskussa, u stante l-fatt li d-deċiżjoni, ġa kważi meħuda minn qabel, kif jidher mill-provi, kienet sejra tkun kuntrarja għal dak li preżumibilment kien ikun irid l-attur, saret iżżejjed preċipitatament, fil-previżjoni li l-attur aktarx ma jkunx jista' jattendi. Għalhekk kienet irregolari;

Il-Qorti kwindi taħseb u tirritjeni illi d-deċiżjoni in parola kienet nulla, għaliex kienet "ultra vires" fis-sens fuq spjegat, u għaliex, anki apparti dan il-motiv, kien hemm, fil-formalitajiet tal-laqgħa, id-difetti fuq imsemmijin;

Kwantu għad-domandi taċ-ċitazzjoni;

Fl-ewwel waħda l-attur qiegħed jitlob li din il-Qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa sabiex is-soċjetà tirriprendi l-eżerċizzju tagħha regolari taħt it-treġija ta' l-attur bħala Managing Director, u dan taħt il-komminazzjonijiet tal-liġi, kompriżi dawk relativi għad-disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti;

Il-Qorti hi, però, ta' fehma li din id-domanda tista' tiġi provvduta f'mod limitat "per equipollens". X'għandu jsir eventwalment mis-soċjetà għandha tkun deċiżjoni ta' assem-

blea tax-"shareholders" regolarment konvokata, u l-Qorti ma tistax, bi provvediment tagħha, tissostitwixxi din id-deċiżjoni. Ix-"shareholders" regolarment konvokati jistgħu jieħdu d-deċiżjoni li jidhrilhom xierqa fl-interess tas-soċjetà, b'osservanza ta' dak li trid il-liġi, sija kwantu għall-forma tal-konvokazzjoni, sija kwantu għax-xorta tad-deċiżjoni. Għalhekk il-Qorti, kwantu għal din l-ewwel domanda, tista' biss tipprovdiha fis-sens infraskritt, li hu salvagwardja sufficjenti għall-attur;

Fit-tieni domanda l-attur qiegħed jitlob dikjaratorja ġenerika tar-responsabilità għad-danni. Hu risaput illi, kif ġie ritenut mill-Cassazione di Firenze, 18 febbraio 1892, "Simoneschi vs. Ariosto", Annali di Gpza. 26, 1, 94, "la declaratoria generica dei danni non costituisce cosa giudicata sulla esistenza, quantità e qualità dei danni risarcibili". Jibqa' dejjem li jiġi stabbilit jekk danni kienx hemm, u, fil-każ, il-"quantum" tagħhom. Għalhekk, la l-fatt tal-konvenuti (salv dak li sejjer jingħad għar-rigward tal-konvenut Kurunell Roger Strickland kif rappreżentat) kien illegali, għandha ssir din id-dikjaratorja ġenerika fis-sens premess. Kwantu għall-konvenut Kurunell Strickland, il-mandatarju tiegħu Degiorgio ħareġ mill-poteri tiegħu meta rrappreżentah bħala direttur f'dik is-seduta, kif fuq ingħad; għalhekk dak il-konvenut ma għandux jirrispondi għal dak li sar b'eċċess tal-mandatarju (art. 1982 Kap. 23);

Għalhekk tiddeċidi;

Fuq l-ewwel domanda;

Billi tiddikjara li kull ma sar mill-konvenuti Kaptan Xuereb u Commander Bell b'eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-laqgħa tal-14 ta' Mejju 1951 sar illegalment, u li, sakemm ma tittieħedx validament deċiżjoni diversa f'assemblea regolarment konvokata, għandu jiġi ristabbilit li "status quo ante";

Billi tiddikjara lill-konvenuti Kaptan Xuereb u Commander Bell responsabbli għad-danni li seta' sofra l-attur in konsegwenza ta' dak li ġie illegalment eżegwit;

Billi, relativament għaż-żewġ domandi fil-konfront tal-konvenut Kurunell Strickland kif rappreżentat, tillibera mill-istess domandi l-imsemmi konvenut, stante "carenza d'azione" fil-konfront tiegħu fis-sens premess;

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuti Kaptan Xuereb u Commander Bell — salv kull dritt ta' regress tagħhom *"si et quatenus"* kontra kull persuna oħra li tista' tkun tenuta.

---